# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 47 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 fil- 5.30 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea (baghat ittra sabiex jigi skuzat minhabba impenn) |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Michelle Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**47/01 Talba**

47/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-5.32 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) nformat lill-Kunsill li l-Kunsillier Is-Sur Vincent Galea ma setgħax jattendi l-laqgħa minħabba impenn ieħor. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li l-Kunsillieri Vincent A. Galea ikun skużat.

**47/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 46/06.**

47/02/01 Emenda minuta 46/06/09 biex il-kelma 'tablet' issir 'talbet'.

47/02/02 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati kif emendati u ffirmati l-Minuti 46/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti 46/06.

47/02/03 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tieħu ħsieb li jsir il-*binding* tal-minuti tas-Sena 2013.

**47/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 46**

47/03/01 **Para 46/03/01**:- ***Tender għax-xiri u installazzjoni ta' lifter***: Is-SE infurmat li għad trid toħrog is-sejħa għall-offerti għall-lifter. Peress li dan irid ikun inxtara u nstallat sal-aħħar ta' Frar 2014 is-SE intalbet sabiex toħroġ din is-sejħa minghajr aktar dewmien.

47/03/02 **Para 46/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ftehim tal-kera tat-Torri tas-Semaforu kien ġie iffirmat u s-Sur Jan Stigter kien ħallas il-kera ta' €1,800 għat-Torri u l-garaxx ħhall-perjodu ta' sena. Issa jonqos li jġib evidenza li inħarġet polza tas-sigurta' skont il-ftehim. Is-SE ser tkompli issegwi kif ukoll tiżgura li tiġbor il-*readings* tal-*metres* tad-dawl u tal-ilma. Ġie unanimament approvat li s-SE toħroġ il-pagament lid-Dipartiment tal-Artijiet li jkopri s-sehem tagħhom mill-kera li inġabret. Kif dan il-pagament ikun lest is-Sindku ser jibgħatu flimkien mal-kopji tal-ftehim lid-

Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll jibgħat kopja oħra tal-ftehim lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DGL). F'din il-korrispondenza s-Sindku ser ikunu qed jispjega li inkera kemm it-Torri kif ukoll il-garaxx.

47/03/03 **Para 46/03/03**:- **Ġnien il-Paċi** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li tkellmet mal-MEPA dwar il-UIF fejn infurmawha li dalwaqt jibgħatu l-fondi sabiex ikun jista' jitħallas il-Kuntrattur.

47/03/04 **Para 46/03/04**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kitbet lill-Perit Grech sabiex jiċċertifika l-aħħar kont. Is-SE infurmat li għad trid toħroġ is-sejħa għax-xiri tal-bankijiet u *bins* u toħrog il-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works*. Is-SE għadha qed issegwi lill-kuntrattur sabiex jġib kampjun tal-ġebla tal-pavimentar.

47/03/05 **Para 46/03/06**:- **Triq San Gwann**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li bgħatet *reminder* dwar il-laqgħa mal-Perit Testaferrata de Noto imma għadha ma rċievitx data għall-laqgħa.

47/03/06 **Para 46/03/07**:- **Fuljett:-** Is-SE nformat lill-Kunsill li l-istima tal-fuljett għall 1,400 kopja kienet ta' €850.50. Il-Kunsill unanimament qabel li għall-harga tal-fuljett li jmiss jigu ordnati 1,400 kopja.

47/03/07 **Para 46/03/08 :- Talba għal-informazzjoni relatata ma ġita għal-Sqallija** : Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE irċeviet id-dokumentazzjoni mingħand il-Kunsillier Galea.

47/03/08 **Para 46/03/09**:- **Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-pagament għadu ma wasalx mingħand *Green MT*. Hija bgħatet *reminder* dwar il-*flyers* filwaqt li kitbet lill-Wasteserv sabiex jinbiddlu l-kontenituri tal-*Bring-in-site.* Is-Sindku ġġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart imħallat se jagħlaq f'Marzu 2014. Huwa talab lis-SE sabiex tfittex toħroġ is-sejħa għall-offerti u jekk ikun hemm bżonn tikseb direzzjoni mingħand id-DGL.

47/03/09 **Para 46/03/10**:- **Triq Indipendenza *:*** Is-SE infurmat li fil-jiem li ġejjin ser tintbagħat l-ittra lil TM.

47/03/10 **Para 46/03/11**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-kuntrattur dwar id-*diesel.*

47/03/11 P**ara 46/03/13:- ATM f'Ħal Għargħur -** Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-banek l-oħra sabiex titwaħħal ATM fir-raħal.

47/03/12 **Para 46/03/14**:- **Festival tal-Ħalib 2014** – Is-SE infurmat li għandna ma rċievejnix risposta il-Gvern. Is-SE intalbet terġa tikteb lis-Segretarjat tal-Ambjent u issaqsi jekk il-Gvern hux ser jipparteċipa fl-organizzazjoni tal-Festival tal-Ħalib. Il-Kunsillier Fenech informa li hu kien tkellem ma uffiċjal tas-Segretarjat u spjegalu li bħala ma sar dejjem parti mill-ispejjez jitħallsu mill-Kunsill. Sar qbil li ssir laqgħa mas-Segretarjat meta inkunu nafu kemm ingħatajna fondi mid-DGL.

47/03/13 **Para 46/03/15:- Kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema*:*** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema għadhom pendenti. Is-Sindku spjega li sadanittant ser tinġieb kjarifika dwar il-pagi tal-EO u ta' l-iskrivana peress li jidher li dawn meta bdew

jaħdmu mal-Kunsill ma tħallsux fuq l-ewwel *notch* tal-iskala imma tħallsu fuq it-tielet *notch*. Meta kienu ġew impjegati dawn il-ħaddiem il-Kunsill kien iddeċieda li dawn jibdew mill-ewwel *notch* skont kif jitolbu l-linji gwida tal-PAHRO klawsola 2.2.1.1 – *Pay on Appointment*. Is-SE infurmat li hija qeda tistenna risposta mid-DGL.

47/03/14 **Para 46/03/19:- Ilmenti dwar ħajt li qiegħed jinbena fi-Triq Santa Katarina**. Is-SE ipprezentat korrispondenza mingħand l-uffiċċju tas-CEO tal-MEPA fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li wara li saru *site inspections* instab li x-xoħhol kollhu li qed jsir, inkluż il-ħajt fi Triq Sta Katerina, huma skont il-permess u ma hemm xejn irregolari.

47/03/15 **Para 46/03/22:-** Is-SE infurmat li għad trid tara l-gwidi tal-*Paying Agency* rigward it-tabella meħtieġa għall-Ġnien il-Ponta.

47/03/16 **Para 46/06/08**:- **Laqgħa mal-Ministru tat-Trasport**. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal din il-laqgħa ser jattendi hu flimkien mal-Kunsillier Fenech u s-SE. F'din il-laqgħa ser jiġu diskussi r-rotot il-ġodda tat-trasport pubbliku, il-proġett tal-*Culvert* fi Triq San Gwann, il-pavimentar ta' Triq Mons Luigi Catania u l-aċċess għar-raħal minn Triq il-Ġnien.

47/03/17 **Para 46/06/09**:- **Korrispondenza mil-Kap ta' Maria Regina College Primary Għargħur dwar *sponsorship of books*.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-DGL awtorizza (*case 28/14*) li għal din id-darba l-Kunsill jista' jagħti donazzjoni ta' kotba lill-iskola primarja. Il-Kunsill unanimament approva li jingħataw b'kemm jiswew €220 f'kotba.

47/03/18 **Para 46/06/10:- Korrespondenza mill-Enemalta dwar *Acceptance of tender TD/T/3104/2013-Trenching Works at tal-Balal Substation Iklin*.** Is-SE flimkien mal-Kunsillier Muscat iltaqgħu mal-Ingineer tal-Enemalta u mal-Kuntrattur li ser jaħdem dan ix-xogħol. Ix-xogħol għandu l-għan li isaħħaħ il-provista ta' dawl fl-inħawi. Ix-xogħol fi Triq Sta Katarina se jieħu xi ħmistax u t-Triq tal-Balal ser tkun *one-way*. Il-Kunsill ħareġ in-*no objection* b'ċerti kondizzjonijiet fosthom li t-Triq Sta Katarina terġa ssir kollha bit-tarmak wara li tingħalaq it-trinka.

47/03/19 **Para 46/07/04: - Attivita' taz-Zgħazagħ**: Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li l-ħlas lid-DJ Alex Grech kien ser ikun ta' €230 u l-ħlas għall-entratura għal din l-attivita' ser ikun ta' €5.

47/03/20 **Para 46/07/10** Is-SE infurmat lill-Kunsill li d-DGL approva l-estenzjoni sal-aħħar ta' Frar 2014 għar-*reimbursement* tal-fondi tal-*Live Streaming* kif ukoll approva li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart goff jiġi estiz għall-3 xhur minn Novembru 2013 sa Frar 2014 Is-SE intalbet sabiex toħroġ is-sejhiet għall-offerti.

**47/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

47/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**47/05 Approvazzjoni tad-*Draft Budget* 2014 u Rapport Amministrattiv**.

47/05/01 Ġew ipprezentati l-Estimi Finanzjarji (draft) għas-sena 2014. Dan ġie unanimament approvat mill-Kunsill.

47/05/02 Ġie ippreżentat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2013 li ser jiġi imressaq fil-laqgħa tal-Lokalita'. Dan ġie unanimament approvat mill-Kunsill.

47/05/03 Ġie deċiż li jitqassmu avviżi fid-djar dwar il-Laqgħa tal-Lokalita' li se tinżamm il-Ħamis 30 ta' Jannar 2014 u li jsiru l-avviżi bħas-soltu.

**47/06 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati Klerikali**:

47/06/01 Ġie ippreżentat l-*Performance Appraisal Report* tas-SE u inqara r-rapport kollhu inkluż il-kummenti tas-SE. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DGL sabiex is-SE tingħata *performance bonus* ta' 5%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat l-*Performance Appraisal Report* lid-DGL.

47/06/02 Is-SE ppreparat il-*Performance Appraisal reports* tal-EO u tal-iskrivana. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw *performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-SE.

**47/07 Ilmenti u Suggerimenti**

47/07/01 Il-Kunsill unanimament approva talba sabiex teħel tabella tal-*One Way* fi Triq Gaspare Formica kantuniera ma Triq tal-Balal. Is-SE ġiet awtorizzata toħroġ *Works Order* lill-Koptasin.

47/07/02 Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li jinżabru xi siġar fi Ġnien il-Paċi u sabiex isir dan ix-xogħol jinkera s-servizz ta' *cherry picker*. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-panelli qed jiġu mgħottija minħabba ċerta friegħi u dawn iridu jinżabru wkoll. Il-Kunsill unanimament approva li jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill li fl-iskola primarja hemm siġra tal-Palm li qed twaqqa il-friegħi fi Ġnien il-Paċi. Is-SE intalbet tikteb lill-Kap tal-Iskola dwar dan.

47/07/03 **Suġġeriment 18114033204397**- Talba għal-*traffic hump* fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill unanimament ddeċieda li jekk min għamel it-talba jaċċetta li din issir quddiem id-dar tiegħu, il-Kunsill jgħaddi t-talba lit-Transport Malta (TM) għall-gwida/approvazzjoni.

47/07/04 **Ilment 18114083204463** - Il-Kunsill irċieva ilment li fi Triq il-Kbira il-karozzi qegħdin jgħaddu b' ċertu *speed* u hemm bżonn li tehel *traffic hump*. Il-Kunsillier Alfred Muscat issuġġerixxa li din il-*hump* teħel quddiem il-kappella ta' San Bernarda. Il-Kunsill unanimament ddeċieda li jara jekk din tistax teħel fejn ġie issuġġerit u jgħaddi t-talba lit-TM għall-gwida/approvazzjoni.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

47/07/05 **Suġġeriment 18114076204511 -** Il-Kunsill irċieva talba sabiex jitneħħa l-*parking space* li tħalla fi Triq il-Kbira u jibqa' għaddej il-*yellow line* minflok. Din it-talba ma ġietx aċċettata mill-Kunsill unanimament.

47/07/06 Talba sabiex fi Triq Ferdinand quddiem garaxx jiġi ipprojbit il-*parking* peress li kull meta ikun hemm vettura ipparkjata din toħloq ostaklu għall-vetturi l-oħra. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

**47/08 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

47/08/01 Korrispondenza mit-TM dwar *Reserved Parking Bay* ġdida fi Triq San Bartilmew Gharghur. Il-Kunsill unanimament irrakkomanda li din issir.

47/08/02 Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet ġodda fil-Lokalita' u dwar *Info Sessions - Development Planning (Use Classes) Order 2014.*

47/08/03 Ċirkulari tad-DGL 1/2014 dwar Kors fil-kitba bil-Malti - Ċertifikat fil-Qari tal-provi bil-Malti.

47/08/04 Korrispondenza mill-Perit Stanley Cortis dwar laqgħa mal-MEPA fuq Gnien il-Ponta.

47/08/05 Korrispondenza mid-DGL dwar estenzjoni ta' kuntratt skadut.

47/08/06 Memo 2/2014 dwar Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc.gov.mt.

47/08/07 Korrespondenza lill-*Light House Keepers* dwar Irtirar ta' *default notice*.

47/08/08 Stima mingħand TIK dwar il-fuljett tal-Kunsill.

47/08/09 Korrespondenza mit-MTI-WSD dwar Pubblikazzjoni ta' toroq mid-*Door Numbering Unit*. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tibgħat il-lista ta' toroq fil-Għargħur li m'ghandhomx numri mal-bibien.

47/08/10 Ċirkulari mill-AKL 5/2014 dwar laqgħa ta' Informazzjoni dwar il-programm ta' finanzjament tal-EU Erasmus+.

47/08/11 *Invoice* mill-MEPA dwar HPU *Monitoring*. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol qatt ma ġie approvat mill-Kunsill u allura dan il-kont ma għandux jitħallas. Is-SE għandha tikteb lill-MEPA dwar dan u titlob spjegazzjoni għalfejn qed jintbagħtu dawn il-kontijiet.

47/08/12 Korrispondenza dwar r-rati ġodda tal-pagamenti għall-librara.

47/08/13 Korrispondenza mill-MEPA dwar il-ka CM 12/14-*VC Service Station*, Triq tal-Balal, Għargħur.

47/08/14 Korrispondenza mill-*Cabinet Secretary* tal-OPM dwar Laqgħa tal-Kabinett. Is-Sindku informa ill-Kunsill li hu kien attenda ghal din il-laqgħa kif ukoll ta dettalji dwar il-punti ewlenin li tkellem fuqhom.

47/08/15 Korrispondenza mid-DGL – *Salary Scales 2014*. Din ġiet diskussa waqt il-Kunsill.

47/08/16 Korrispondenza mill-*Heritage Superintendence* dwar *State of the Heritage Report (for calender year 2013) -Data collection exercise*. Is-SE intalbet sabiex tibgħat dan ir-rapport.

***47/08/17 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa suppost tispiċċa wara 3 sigħat. Il-Kunsill unanimament ddeċieda li jkompli għaddej bil-laqgħa ħalli jiġu eżawriti l-punti fuq l-Agenda.***

47/08/18 Korrispondenza mill-Enemalta dwar Talba għall-Bozza fi Triq Sta Marija taz-Zellieqa. Is-SE intalbet iġġib stima mingħand il-*contract manager*.

47/08/19 Korrispondenza mill-AKL dwar Konferenza *My Europe*.

47/08/20 Korrispondenza mill-Perit Stephen Psaila dwar *Proposed Pavement Extension at Triq San Gwann* Għargħur. Il-Kunsill unanimament qabel ma din it-talba sabiex issir rampa quddiem iċ-ċimiterju tar-raħal ħalli b'hekk ikun hemm aċċess għall-kulħadd. Is-SE intalbet tikkonferma li l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

47/08/21 Korrispondenza mis-Sinj Sarah Doublesin dwar *Wheelchair Accessible Hall*. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tirreferi din il-korrispodenza lill-Kapillan tar-raħal.

47/08/22 Korrispondenza mid-DGL dwar Konferenza tal-Aħbarijiet dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali-1 Frar 2014.

47/08/23 Korrispondenza mid-DGL dwar Onorarja tas-Sindku għas-Sena 2014.

47/08/24 Korrispondenza mid-DGL dwar il-Kaz 28/14 rigward donazzjoni ta' kotba lill-iskola primarja tar-raħal.

47/08//25 Korrispondenza dwar estenzjoni fuq l-iskema tal-*Live Streaming* fejn it-talba ġiet approvata mid-DGL.

47/08/26 Korrispondenza mill-MEPA dwar il-bilanċ il-ġdid tal-UIF li jammonta għal €2,116.62.

**47/09 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

47/09/01 Il-Kunsillier Fenech talab lill-Kunsill jikkonsidra li jsiru plakkek ħdejn kapelli u binjiet storiċi fejn ikun hemm xi dettalji dwar dawn il-binjiet. Ġie nnotat li talba simili kienet tressqet mill-Viċi Sindku fl-laqgħa preċedent tal-Ħames Kunsill Lokali liema talba kienet ġiet approvata. Il-Kunsill unanimament approva dan ix-xogħol. Is-SE għandha tieħu ħsieb tiġbor l-istimi.

47/09/02 Ġie unanimament deċiż li f'laqgħa oħra l-Kunsill jikkunsidra l-proposta sabiex fl-okkazzjoni tal-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali jittellgħa kunċert u jingħata l-Unur Excelsior.

**47/10 Aġġornament**

47/10/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.00 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nħar l-Erbgha 5 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **5 ta' Frar 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |